MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Numru. 399/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**MIRIAM (MIRIAM-ANNA) VELLA**
**(ID Nru. 153563M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 399/2015

Illum, 28 ta` Mejju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Miriam (Miriam-Anna) Vella, detentrici tal-Karta tal-Identita` bin-numru 153563M.

**Akkuzata talli:**

Bejn Jannar 2004 u Marzu 2010 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` taghha personali kif ukoll bhala *hairdresser*, approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` ma hallsitx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta` tnejn u erbghin elf, mija u hmistax ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€42,115.94).

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputata hatja kif akkuzata.

Il-Qorti tiddeciedi billi tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------